



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/165 tat-3 ta' Frar 2015 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċidu lattiku, *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, il-kitosan kloridrat u *Equisetum arvense* L. f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni ta' proċeduri speċifiċi, metodi ta' valutazzjoni u rekwiżiti tekniċi, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 109/2011 u (UE) Nru 458/2011 ⁽¹⁾** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/167 tat-3 ta' Frar 2015 li jemenda għall-225 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida** 40
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/168 tat-3 ta' Frar 2015 li jstabilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 42

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-UE-Montenegro tat-12 ta' Diċembru 2014 li tissostitwixxi l-Protokoll 3 għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva [2015/169]** 45

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

Rettifika

- * Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 349, 19.12.2012) 48
- * Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1287/2014 tat-28 ta' Novembru 2014 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 348, 4.12.2014) 48

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/165

tat-3 ta' Frar 2015

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċidu lattiku, *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, il-kitosan kloridrat u *Equisetum arvense* L. f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-aċidu lattiku, *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, il-kitosan kloridrat u *Equisetum arvense* L., ma ġew stabbiliti l-ebda MRLs speċifiċi u s-sustanzi ma ġewx inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005; għalhekk japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stabbilit fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-kitosan kloridrat huwa approvat bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Fid-dawl tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 563/2014 ⁽³⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' tali sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (3) L-*Equisetum arvense* L hija approvata bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Fid-dawl tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 462/2014 ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' tali sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (4) L-aċidu lattiku huwa approvat bħala addittiv tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 ⁽⁵⁾. Fid-dawl tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni tal-aċidu lattiku fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.

⁽¹⁾ ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 563/2014 tat-23 ta' Mejju 2014 li japprova s-sustanza bażika idroklorur tal-kitosan, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠUL 156, 24.5.2014, p. 5).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 462/2014 tal-5 ta' Mejju 2014 li japprova s-sustanza bażika *Equisetum arvense* L., skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠUL 134, 7.5.2014, p. 28).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel (ĠUL 295, 12.11.2011, p. 1).

- (5) Fir-rigward tal-*Lecanicillium muscarium* razza Ve6, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) ikkonkludiet ⁽¹⁾ li l-inklużjoni tagħha fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (6) Abbażi tal-konklużjoni tal-Awtorità u b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-Artikolu 5(1) u tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Għaldqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV, l-entrati: "aċidu lattiku ⁽²⁾", "*Lecanicillium muscarium* razza Ve6", "kitosan kloridrat", u "*Equisetum arvense* L." huma miżjuda, f'ordni alfabetiku.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, innotifikata bħala *Verticillium lecanii*. EFSA Journal 2010; 8(1):1446. [45 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1446.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/166**tat-3 ta' Frar 2015**

li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni ta' proċeduri speċifiċi, metodi ta' valutazzjoni u rekwiżiti tekniċi, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 109/2011 u (UE) Nru 458/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (id-Direttiva Kwadru) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u (f) tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u biex jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti li saru obbligatorji permezz tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.
- (2) Mingħajr ħsara għal-lista tal-atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vetturi stipulati fl-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jagħti l-possibbiltà lill-manifatturi tal-vetturi li jippreżentaw applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għal miżuri li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 li jistipula r-rekwiżiti foqma koperti mir-Regolamenti UNECE.
- (3) B'mod partikolari huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri speċifiċi għall-approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2007/46/KE li jikkonċernaw teknoloġiji jew kunċetti ġodda li mhumix kompatibbli ma' miżuri eżistenti li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 koperti mir-Regolamenti UNECE, minħabba li dawn id-dispożizzjonijiet mhumix attwalment disponibbli, iżda meħtieġa.
- (4) Fil-prinċipju mhuwix possibbli li tinkiseb l-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti UNECE fil-każ ta' komponenti installati jew unitajiet tekniċi separati li għandhom approvazzjoni tat-tip tal-KE valida waħda biss. Madankollu, dan għandu jkun possibbli għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE skont ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti UNECE.
- (5) L-Anness XV tad-Direttiva 2007/46/KE jelenka atti regolatorji li għalihom manifattur jista' jinħatar bħala servizz tekniku, inkluż numru ta' Direttivi revokati bir-Regolament (KE) Nru 661/2009. Huwa għalhekk meħtieġ li r-referenzi għad-Direttivi rilevanti jinbidlu b'referenzi għal miżuri xierqa li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009.
- (6) L-Anness XVI tad-Direttiva 2007/46/KE jelenka l-atti regolatorji li għalihom l-ittestjar virtwali jista' jintuża minn manifattur jew servizz tekniku, inkluż numru ta' Direttivi revokati bir-Regolament (KE) Nru 661/2009. Huwa għalhekk meħtieġ li r-referenzi rilevanti tad-Direttivi rilevanti jinbidlu bir-referenzi għall-miżuri xierqa li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009.

⁽¹⁾ ĠUL 263, 9.10.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 200, 31.7.2009, p. 1.

- (7) Biex fin-numerazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE u l-marki tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE jkun hemm approċċ konsistenti, jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet amministrattivi speċifiċi kif ukoll sistema ta' numerazzjoni u mmarrar skont ir-Regolament (KE) Nru 661/2009.
- (8) Ir-Regolamenti UNECE jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-dettalji li għandhom jakkumpanjaw l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip. Fil-kuntest tal-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament, daww id-dettalji għandhom bl-istess mod jiġu indikati fil-fajl tal-informazzjoni.
- (9) Il-konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE ⁽¹⁾, revokata bir-Regolament (KE) Nru 661/2009, għadha obbligatorja għall-assemblaġġi tal-firrodu ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet iżda l-konformità mar-Regolament Nru 90 UNECE ⁽²⁾ ġiet aċċettata bħala alternattiva. Dispożizzjonijiet dettaljati, inklużi dispożizzjonijiet adegwati ta' tranżizzjoni, għandhom jiġu previsti rigward l-assemblaġġi tal-firrodu ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet, firrodu tal-brejkijiet għamla ta' tanbur u diski u tnebar tal-brejkijiet għall-vetturi awtomattivi u t-trejlers tagħhom skont ir-Regolament Nru 90 UNECE.
- (10) Rigward vetturi tal-kategorija N, skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009, il-kabina tal-karozza jew l-ispazju provdut għas-sewwieq u l-passiġġieri għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex joffru protezzjoni lill-okkupanti f'każ ta' impatt, filwaqt li għandu jitqies ukoll ir-Regolament Nru 29 tal-UNECE ⁽³⁾. Għal dan il-għan, dan ir-Regolament għandu jiġi inkluż fil-lista ta' Regolamenti UNECE li jikkonformaw fuq bażi obbligatorja.
- (11) It-tabella fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(1) u (2) ta' dak ir-Regolament jeħtieġ li tiġi aġġornata wara l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/19/UE ⁽⁴⁾.
- (12) Rekwiżiti addizzjonali dwar is-saħħa tal-kabina, il-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, l-ibbrejkar avvanzat ta' emerġenza u t-twissija ta' ħruġ mil-lejn, l-indikatur tal-bdil tal-gerijiet u l-kontroll tal-istabbiltà elettronika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 ma ġewx inkorporati fit-Tabella fl-Anness I, iżda xorta għandhom japplikaw għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip.
- (13) Il-lista tar-Regolamenti tal-UNECE li japplikaw fuq bażi obbligatorja fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tiġi aġġornata ta' spiss biex tirrifletti s-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' emendi magħmula fir-Regolamenti rispettivi UNECE.
- (14) Dik il-lista għandha tiġi kkomplimentata b'informazzjoni li tiċċara taħt liema kundizzjonijiet eżistenti l-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE mogħtija abbażi tad-Direttivi revokati bir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jibqgħu validi għal ċerti vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati.
- (15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010 ⁽⁵⁾ fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u t-twaħħil ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara għandu jiġu rivedut sabiex jitqiesu d-disinni ta' vetturi speċifiċi.
- (16) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2011 ⁽⁶⁾ dwar sistemi ta' soppressjoni tar-raxx, jeħtieġ li jiġi emendat sabiex tiġi aġġornata r-referenza tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar parafangi kif ukoll din tal-aħħar tkun applikabbli għal aktar kategoriji ta' vetturi.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-mezzi tal-ibbrejkar ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 202, 6.9.1971, p. 37).

⁽²⁾ ĠU L 185, 13.7.2012, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 21.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/19/UE tad-9 ta' Marzu 2010 li temenda, għall-għanijiet ta' adattament għall-progress tekniku fil-qasam tas-sistemi tat-trażżin tal-ispazju ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, id-Direttiva tal-Kunsill 91/226/KEE, u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 72, 20.3.2010, p. 17).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010 tat-8 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara fuq vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 291, 9.11.2010, p. 22).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fil-qasam tas-sistemi ta' sospensjoni tat-titjir (ĠU L 34, 9.2.2011, p. 2).

- (17) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 458/2011 ⁽¹⁾ li jikkonċerna l-istallazzjoni tat-tajers jeħtieġ li jiġi adattat għall-progress tekniku li jikkonċerna r-rota żejda fakultattiva għal vetturi tal-kategorija N₁ stabbiliti fir-Regolament Nru 64 UNECE ⁽²⁾.
- (18) Żewġ entrati fl-Anness XI tad-Direttiva 2007/46/KE li jelenkaw atti regolatorji għal vetturi bi skop speċjali jeħtieġ li jiġu riveduti fir-rigward tar-rekwiżiti tal-livell tal-ħoss tal-vettura sabiex ir-rekwiżiti applikabbli jinġiebu lura f'konformità mad-dispożizzjonijiet li kienu jiġu applikati qabel.
- (19) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati rigward il-proċeduri speċifiċi, testijiet u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategorija M, N u O, kif ukoll komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.
2. Dan ir-Regolament jemenda wkoll ċerti Annessi tad-Direttiva 2007/46/KE biex jadattahom għall-progress tekniku u biex jipprovdni għal proċeduri li jippermettu l-approvazzjoni tat-tip:
 - ta' teknoloġiji jew kunċetti ġodda skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2007/46/KE;
 - ta' sistemi ta' vetturi, f'każijiet fejn komponenti u unitajiet tekniċi separati li jkollhom marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE huma applikati minflok il-marka tal-approvazzjoni tat-tip ECE fil-kuntest ta' miżuri li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 li jistipula r-rekwiżiti f'oqsma koperti mir-Regolamenti UNECE;
 - f'każijiet fejn manifattur jinħatar bħala servizz tekniku skont l-Anness XV tad-Direttiva 2007/46/KE; kif ukoll
 - f'każijiet meta l-ittestjar virtwali skont l-Anness XVI tad-Direttiva 2007/46/KE jkun ġie applikat.

Artikolu 2

Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE

1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jressaq lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip l-applikazzjoni mfassla skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
2. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE skont waħda, jew aktar, mill-proċeduri tal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament għandha tikkonsisti fil-folder ta' informazzjoni li jinkludi d-dettalji meħtieġa mill-miżuri li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 li jistipula r-rekwiżiti f'oqsma koperti mir-Regolamenti UNECE, u għandha ssir skont l-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE.
3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tikkonferma li hija tqis li l-applikazzjoni hija kompleta.
4. Kwalunkwe komponenti u unitajiet tekniċi separati tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew UNECE li huma installati fil-vettura jew inkorporati fi ħdan it-tieni komponent jew unità teknika separata ma għandhomx għalfejn jiġu deskritti kompletament f'termini ta' dettalji fid-dokument ta' informazzjoni jekk in-numri u l-marki tal-approvazzjoni tat-tip jingħataw fid-dokument ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti ma' pakketti ta' informazzjoni annessi magħhom huma disponibbli għas-servizz tekniku.
5. Komponenti u unitajiet tekniċi separati li jkollhom marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE valida għandhom jiġu aċċettati anki f'każijiet fejn huma applikati minflok komponenti u unitajiet tekniċi separati li għandu jkollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip KEE fil-kuntest ta' miżuri li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 li jistipula r-rekwiżiti f'oqsma koperti mir-Regolamenti UNECE.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 458/2011 tat-12 ta' Mejju 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tagħhom u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 124, 13.5.2011, p. 11).

⁽²⁾ ĠU L 310, 26.11.2010, p. 18.

Artikolu 3

Approvazzjoni tat-tip

1. Meta t-tip ta' vettura, komponent jew unità teknika separata ippreżentata għall-approvazzjoni tat-tip tkun konformi mal-preskrizzjonijiet tekniċi rilevanti u l-miżuri biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni mar-Regolamenti UNECE li saru obbligatorji permezz tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 u meta l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stipulati fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE skont l-Artikolu 13(15)(a) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 u toħroġ numru tal-approvazzjoni tat-tip skont is-sistema ta' numerazzjoni stipulata fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.
2. Stat Membru ma jistax jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura, komponent jew unità teknika separata.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilit skont il-mudell stipulat fil-Parti 2 tal-Anness I fil-każ ta' tip ta' vettura, komponent jew unità teknika separata li tinkorpora teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda kompatibbli mar-Regolamenti UNECE, jew fil-Parti 3 tal-Anness I fil-każ ta' tip ta' vettura, komponent jew unità teknika separata li tikkonforma ma' rekwiżiti tekniċi essenzjali tar-Regolamenti UNECE u/jew fil-każ ta' ttestjar mill-utent innifsu u/jew ittestjar virtwali.

Artikolu 4

Teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda kompatibbli mal-atti li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 koperti mir-Regolamenti UNECE

1. Meta Stat Membru jkun awtorizzat li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura fir-rigward ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2007/46/KE, il-proċedura stipulata fil-paragrafi minn 2 sa 5 għandha tiġi segwita.
2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u toħroġ numru tal-approvazzjoni tat-tip skont is-sistema ta' numerazzjoni stipulata fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.
3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilit skont il-mudell stipulat fil-Parti 2 tal-Anness I u annessa miegħu l-formola ta' komunikazzjoni mimlija li tikkonforma mal-mudell rilevanti fir-Regolament UNECE applikat, bid-dħul tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip UNECE tagħha jitħalla vojta.
4. Il-folder ta' informazzjoni skont l-Artikolu 2 għandu sussegwentement jiġi anness maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-formola ta' komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
5. Fejn applikabbli, eżempju tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE, skont l-Appendiċi tal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE, għandu jiġi pprovdut fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Awtoittestjar

1. F'konformità mal-Artikoli 11(1) u 41(6) tad-Direttiva 2007/46/KE u l-Annessi V u XV tagħha, manifattur jista' jinħatar bħala servizz tekniku. Il-kundizzjonijiet ġenerali, li ħatra ta' manifattur bħala servizz tekniku għandha tissodisfa, huma stabbiliti fl-Appendiċi tal-Anness XV tad-Direttiva 2007/46/KE. Il-preskrizzjonijiet kif emendati minn dan ir-Regolament għandhom japplikaw u l-proċedura stabbilita fil-paragrafi minn 2 sa 5 għandha tiġi segwita.
2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u toħroġ numru tal-approvazzjoni tat-tip skont is-sistema ta' numerazzjoni stipulata fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.
3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilit skont il-mudell stipulat fil-Parti 3 tal-Anness I u annessa miegħu l-formola ta' komunikazzjoni mimlija li tikkonforma mal-mudell rilevanti fir-Regolament UNECE applikat, bid-dħul tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip UNECE tagħha jitħalla vojta.
4. Il-folder ta' informazzjoni skont l-Artikolu 2 għandu sussegwentement jiġi anness maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-formola ta' komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu

5. Fejn applikabbli, eżempju tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE, skont l-Appendiċi tal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE, għandu jiġi pprovdut fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Ittestjar virtwali

1. F'konformità mal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2007/46/KE u l-Anness XVI tiegħu, huma permessi metodi ta' ttestjar virtwali, bil-kundizzjoni li l-preskrizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi tal-Anness XVI tad-Direttiva 2007/46/KE huma ssodisfati. Il-preskrizzjonijiet kif emendati minn dan ir-Regolament għandhom japplikaw u l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 5 għandha tiġi segwita.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u toħroġ numru tal-approvazzjoni tat-tip skont is-sistema ta' numerazzjoni stipulata fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilit skont il-mudell stipulat fil-Parti 3 tal-Anness I u annessa miegħu l-formola ta' komunikazzjoni mimlija li tikkonforma mal-mudell rilevanti fir-Regolament UNECE applikat bid-dħul tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip UNECE tagħha jitħalla vojt.

4. Il-folder ta' informazzjoni skont l-Artikolu 2 għandu sussegwentement jiġi anness maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-formola ta' komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu

5. Fejn applikabbli, eżempju tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE, skont l-Appendiċi tal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE, għandu jiġi pprovdut fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Assemblaġġi ta' sostituzzjoni tal-firrodu tal-brejkijiet, diski tal-brejk ta' sostituzzjoni jew it-tnabar tal-brejk ta' sostituzzjoni

1. Ir-Regolament Nru 90 UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2014, bil-għan li assemblaġġi ta' sostituzzjoni tal-firrodu tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji M_1 b'massa permessa massima li ma taqbiżx it-3,5 tonnelli, M_2 b'massa permessa massima li ma taqbiżx it-3,5 tonnelli, N_1 , O_1 u O_2 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tingħata skont id-Direttiva 71/320/KEE, ir-Regolament Nru 13 tal-UNECE jew ir-Regolament Nru 13-H UNECE fis-7 ta' April 1998 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

2. Ir-Regolament Nru 90 UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2014, bil-għan li assemblaġġi ta' sostituzzjoni tal-firrodu tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji M_1 b'massa permissibbli massima li taqbeż it-3,5 tonnelli, M_2 b'massa permissibbli massima li taqbeż it-3,5 tonnelli, M_3 , N_2 , N_3 , O_3 u O_4 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tingħata skont ir-Regolament Nru 13 UNECE jew ir-Regolament Nru 13-H UNECE fl-1 ta' Novembru 2014 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

3. Ir-Regolament Nru 90 UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2016, bil-għan li assemblaġġi ta' diski u tnabar ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tingħata skont ir-Regolament Nru 13 UNECE jew ir-Regolament Nru 13-H UNECE fl-1 ta' Novembru 2016 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

4. Ir-Regolament Nru 90 UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2014, bil-għan li assemblaġġi ta' diski ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tingħata skont ir-Regolament Nru 13 UNECE fl-1 ta' Novembru 2014 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

5. Ir-Regolament Nru 90 UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2016, bil-għan li tnabar ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tingħata skont ir-Regolament Nru 13 tal-UNECE fl-1 ta' Novembru 2016 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

6. Ir-Regolament Nru 90 tal-UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2016 bil-għan li diski u tnabar ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji O_1 u O_2 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tingħata skont ir-Regolament Nru 13 UNECE fl-1 ta' Novembru 2016 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

7. Ir-Regolament Nru 90 tal-UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2014 bil-għan li diskuti u tnabar ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji O₃ u O₄ li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tingħata skont ir-Regolament Nru 13 UNECE fl-1 ta' Novembru 2014 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

8. Ir-Regolament Nru 90 UNECE għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2016 bil-għan li tnabar ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet ġodda li jikkonċernaw tip ta' vetturi ta' kategoriji O₃ u O₄ li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tingħata skont ir-Regolament Nru 13 UNECE fl-1 ta' Novembru 2016 jew wara, jinbiegħu u jidħlu fis-servizz.

Artikolu 8

Is-saħħa tal-kabina ta' vettura kummerċjali

1. Mit-30 ta' Jannar 2017, minħabba raġunijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija N li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 29 UNECE.

2. Mit-30 ta' Jannar 2021, minħabba raġunijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-għanijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi tal-kategorija N li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 29 UNECE.

Artikolu 9

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 661/2009

1. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 jinbidel bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Emendi għad-Direttiva 2007/46/KE

L-Annessi I, IV, VII, XI, XV u XVI tad-Direttiva 2007/46/KE huma emendati skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1003/2010

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1003/2010 huwa emendat skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 109/2011

1. L-Artikolu 1 jinbidel b' dan li ġej:

“Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi tal-kategoriji N u O, kif definit fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, kif ukoll għal sistemi ta' soppressjoni tal-isprej maħsuba biex jiġu mgħammra fuq vetturi tal-kategoriji N u O.”.

2. L-Annessi I u IV tar-Regolament (UE) Nru 109/2011 huma emendati skont l-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13***Emendi għar-Regolament (UE) Nru 458/2011**

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 458/2011 huwa emendat skont l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati għall-miżuri li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 li jistipula r-rekwiżiti f'oqsma koperti mir-Regolamenti UNECE.

PARTI 1

Dokument ta' informazzjoni

MUDELL

Dokument ta' informazzjoni Nru ... dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura fir-rigward ta' sistema/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ fir-rigward tar-Regolament Nru ... UNECE ... li jikkonċerna ... abbażi ta' u f'format skont innumerazzjoni tal-partiti tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE ⁽²⁾

L-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli, għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u trid tinkludi werrej. Kull disinn irid jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew folder ta' format A4. Ritratti, f'każ li jkun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Meta s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi oħra msemmija f'dan id-dokument ta' informazzjoni jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (trade name tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli):

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽³⁾:

0.3.1. Post ta' dak l-immarkar:

0.4. Kategorija ta' vettura ⁽⁴⁾:

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.8. Isem(ismijiet) u indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ:

0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti):

1. KARATTERISTIĊI TA' KOSTRUZZJONI ĠENERALI

1.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura/komponent/unità teknika separata rappreżentattiva ⁽¹⁾:

L-elementi u l-informazzjoni kollha sussegwenti rilevanti għall-vettura, il-komponent jew l-unità teknika separata għandhom ikunu pprovduti bi ftehim mas-servizz tekniku u l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE li għaliha tressqet l-applikazzjoni. Dan jista' jkun ibbażat fuq mudell għal dokument ta' informazzjoni jekk ipprovdut mir-Regolament Nru ... UNECE, inkella sa fejn prattikabbli għandu jkun ibbażat fuq innumerazzjoni tal-partiti tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE (jiġifieri, il-lista kompluta ta' informazzjoni għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati) u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali jew dettalji meħtieġa għal approvazzjoni skont ir-Regolament Nru ... UNECE għandhom jiġu inklużi.

Noti ta' spjegazzjoni

⁽¹⁾ Ħassar fejn mhux applikabbli.

⁽²⁾ Jekk parti (eż. komponent jew unità teknika separata) tkun ġiet approvata, dik il-parti ma hemmx għalfejn tiġi deskritta jekk issir referenza għal din l-approvazzjoni. Bl-istess mod, mhux meħtieġ li tiġi deskritta parti jekk il-konstruzzjoni tagħha tkun tidher b'mod ċar fid-dijagrammi jew disinj meħmuża. Għal kull partita li għaliha għandhom jiġu meħmuża disinj jew ritratti, aghthi n-numri tad-dokumenti korrispondenti meħmuża.

⁽³⁾ Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jinkludi karattri li mhumiex rilevanti biex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, il-komponent jew l-unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

⁽⁴⁾ Klassifikat skont id-definizzjonijiet stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

PARTI 2

Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE

MUDELL

Format: A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

(SKONT L-ARTIKOLU 20 TAD-DIRETTIVA QAFAS)

Timbru tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

- | | |
|--|---|
| — Approvazzjoni tat-tip tal-KE ⁽¹⁾ | } ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' sistema/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li mhumiex kompatibbli mar-Regolament Nru ... UNECE |
| — estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ⁽¹⁾ | |
| — ċaħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ⁽¹⁾ | |
| — irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ⁽¹⁾ | |

fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) .../...

Numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE:.....

Raġuni għall-estensjoni:.....

TAQSIMA I

- 0.1. Għamla (trade name tal-manifattur):.....
- 0.2. Tip:
- 0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli).....
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 0.3.1. Post ta' dak l-immarkar:.....
- 0.4. Kategorija tal-vettura ⁽³⁾:.....
- 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:.....
- 0.8. Isem(ismijiet) u indirizz(i) tal-impjant(i) ta' assemblaġġ:.....
- 0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti):.....

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali: ara l-Addendum.
2. Servizzi tekniċi responsabbli mit-tweqqiq tat-testijiet:.....
3. Data tar-rapport tat-test:
4. Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum
6. Post:

⁽¹⁾ Ħassar fejn mhux applikabbli.⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jinkludi karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip tal-vettura, komponenti jew l-unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu"?" (eż. ABC?123??).⁽³⁾ Kif definit fl-Anness II tat-Taqsima A tad-Direttiva 2007/46/KE.

7. Data:
8. Firma:.....

Dokumenti mehmuża:

- Pakkett ta' informazzjoni
- Rapport tat-test
- Il-formola ta' komunikazzjoni mimlija li tikkonforma mal-mudell rilevanti fir-Regolament UNECE applikabbli, għalkemm mingħajr ma jissewma li ngħatat approvazzjoni tal-UNECE jew li ġiet estiża kif ukoll mingħajr ma jissewma numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-UNECE

NB: Jekk dan il-mudell jintuża għall-approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2007/46/KE, ma għandux ikollu l-intestatura "Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi", ħlief fil-każ imsemmi fl-Artikolu 20 fejn il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li tħalli Stat Membru jagħti approvazzjoni tat-tip skont id-Direttiva Qafas.

*Addendum***għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...**

1. Proċedura ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2007/46/KE (eżenzjonijiet għal teknoloġiji jew kunċetti ġodda), awtorizzati mill-Kummissjoni: iva/le ⁽¹⁾
2. Il-miżura ta' implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 li tiffirma l-bażi ta' din l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: Ir-Regolament UNECE Nru ... li jikkonċerna.....
